MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1271/2011

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Seiko Epson Kabushiki Kaisha (*also trading as* Seiko Epson Corporation), ta' 4-1 Nishishinjuku, 2-chome, Shinjuku-ku, Tokyo, Japan**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Optima P/C : STE Royal Import Export Zone Industrielle Bir El Kassaa Tunisie b'digriet tal-25 ta' Jannar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-21 ta' Dicembru 2011 li jghid hekk

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti Seiko Epson Kabushiki Kaisha (*also trading as* Seiko Epson Corporation), ta’ 4-1 Nishishinjuku, 2-chome, Shinjuku-ku, Tokyo, Japan hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju “EPSON”, liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal linka tal-printers, *printer toners*, *printer cartridges*, numru ta’ accessorji elettronici, accessorji ohra komuni f’dan il-qasam, kif ukoll fuq l-ippakkettjar ta’ dawn l-imsemmija prodotti, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument “A” u d-Dokument “B”;

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju “EPSON” skond il-provvedimenti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti irregistrat l-imsemmija markju “EPSON” fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 35888 (kif muri f’Dok. “A”), liema markju huwa wkoll irregistrat bhala *Trademark* Komunitarja mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 004147229 (kif muri f’Dok. “B”), u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi jirrizulta illi fit-18 ta’ Ottubru 2011 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA CGM TITUS”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *printer toner cartridges* u *packaging material* li jgibu l-markju “EPSON” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’sitt mija u hamsa u erbghin (645) *printer toner cartridges* u f’mitejn (200) bicca f’*packaging material*, b’Container Numru CMAU1319661, li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)];

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru SHZ1219974 jirrizulta li l-konsenjatarji tal- *printer toner cartridges* u *packaging material* in kwistjoni huma ndikati bhala Optima P/C : STE

Royal Import Export Zone Industrielle Bir El Kassaa Tunisie, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Siyagroup Trading Development (HK) Limited 14A03 Yuexiu Neo Metropolis Zhongshan Liu Rd. Guangzhou;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propreta' intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn il-*printer toner cartridges* u *packaging material* in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' estera rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "C");

7. Illi din il-konsenja ta' *printer toner cartridges* u *packaging material* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "D");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja"

jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-*printer toner cartridges* u *packaging material* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta’ *printer toner cartridges* u *packaging material*, li tikkonsisti f’sitt mija u hamsa u erbghin (645) *printer toner cartridges* u f’mitejn (200) bicca *f’packaging material*, b’Container Numru CMAU1319661, da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* irregistrata f’isem is-socjeta’ rikorrenti bin-Numru 35888 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta’ *printer toner cartridges* u *packaging material*, da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali

tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademark* Komunitarja Numru 004147229, irregistrata f'isem is-socjeta' rikorrenti [li hija rregistrata skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)];

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-*printer toner cartridges* u *packaging material* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-*printer toner cartridges* u *packaging material* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. G;

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-13 ta' Marzu 2012 fejn ecceppew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom

rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri nomine li ddikjara li ma ghandux aktar provi. Deher ukoll Dr. Noel Bartolo kuratur fejn iddikjara li hu kiteb lil entita estera pero ma rceva ebda risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghas-26 ta' April 2012 ;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markju 'EPSON' liema markju hu wzat minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti bhal linka tal-printers, printer toners, printer cartridges, u numru ta' accessorji elettronici, accessorju ohra komuni f'dan il-qasam, kif ukoll fuq l-ippakkettjar ta' dawn l-imsemmija prodotti, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti A u B, liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark numri 35888 u f'dak Komunitarju bin-numru 004147229.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru CMAU1319661 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur MV CMA CGM TITUS li kien diehel Malta fit-18 ta' Ottubru 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' sitt mija u hamsa u erbghin (645) printer toner cartridges u f'mitejn (200) bicca f'packaging

material, li jgiebu l-markju distintiv tas-socjeta' rikorrenti u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artiklu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 29 ta' Novembru 2011 (Dok. C a fol. 12) maghmul minn Bodo Bredahl, rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. G u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. GA1 a fol. 75) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Bodo Bredahl li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit (Dok. GA1 a fol. 75) ta' George Agius, Ufficjal tad-Dwana datat 26 ta' Marzu 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja konsistenti f'sitt mija u hamsa u erbghin (645) printer toner cartridges u f'mitejn (200) bicca f'packaging material in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati (skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona

hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja konsistenti f’sitt mija u hamsa u erbghin (645) printer toner cartridges u f’mitejn (200) bicca f’packaging material b’Container Numru CMAU1319661 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti bin-Numri 35888 u 004147229 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u dak Komunitarju;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi printer toner cartridges u packaging material in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-printer toner cartridges u packaging material in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-prospett fl-Affidavit Dok. GA1 a fol. 75;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba attrici;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------